**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCALCOUNCIL**
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt,_Tel: 21585888

9 Leġiżlatura

**Minuti Numru 44**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar -**
Lill-membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għall-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 44 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tlieta 26 ta' April 2022, fil-5:30pm. Din il-laqgħa tista tiġi segwita permezz ta' metodu *online* skont l-Artiklu 1 ta'Direttiva 7/2020 u Artiklu 2.3 ta' Ċirkolari 9/2020 maħruġa mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fl' 15 ta' Diċembru 2020.

Din il-laqgħa ser tixxandar live fuq l-internet u hi miftuħa għall-pubbliku.

Elke Sghendo 19 ta' April, 2022
Deputat Aġent Segretarju Ezekuttiv

---

Membri Preżenti:

- Alfred Grima — Sindku
- Anne Marie Fenech — Kunsillier
- Mario Joseph Salerno — Kunsillier
- Alfred Bray — Kunsillier
- Daryl Connor — Kunsillier
- Anthony Delia — Kunsillier
- Anthony Angelo Attard — Kunsillier
- Antoinette Bezzina — Kunsillier
- Christopher Vella Petroni — Kunsillier
- Mary Borg — Kunsillier

Online

- Carlos Zarb — Viċi Sindku
- Stephen Cremona — Kunsillier

Skużati

- Paul Bugeja — Kunsillier

Il-laqgħa nfetħet mis-Sindku Alfred Grima fil-17.30.

**44.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija**

Il-kunsill irċieva notifika ta' apoloġija mingħand il-Kunsillier Paul Bugeja.

**44.2 Kunsiderazzjoni ta' minuti – Laqgħa Numru (42)** (Nu. 43 kienet Laqgħa Annwali)

Korrezzjoni: Darry Connor resaq l-emenda kien ġej:

L-irwol huwa wieħed ta' risponsabilita li jinvolvi numru ta siegħat li huma diffiċċli biex jiġu sodisfatti mill-irwol ta' kunsillier. Ghalhekk għamel suġġeriment biex il-kunsill japprova li jqabbad persuna teknika.

Il-Kunsill approva l-minuti tal-laqgħa 42 hekk kif ġew ikkoreġuti bi qbil unanimu.

**44.3 Punti mill-Minuti**

Is-Sindku talab lill-kunsilliera biex jagħtu aktar attenzjoni għal dak li jkun qed jiġi diskuss u deċiż waqt il-laqgħat tal-kunsill. Dan qalu fid-dawl li fl-aħħar ġimgħat kien hemm diversi każi fejn xi kunsilliera kitbu u/jew irreferew b'informazzjoni li tikkuntrasta dak li ġie deċiż mill-kunsill, fosthom dwar;

1. Li hemm kunsilliera li donnu ma jafx li l-Ġnien ta' Triq Cassarino/Triq it-Turisti se jinbena mill-ġdid u li jinsab fil-proċess.
2. Li kunsillier ieħor ma kienx konxju li fil-laqgħa 42 ġie deċiż li tiġi mneħħija l-estenzjoni tal-bankina ta' l-ex Crown Hotel fi Triq San Aristarkus.
3. Li kunsillier/tnejn insew li l-attivitajiet kollha mħallsa mill-fondi tal-kunsill ta' SPB huma ntiżi biss għal dawk ir-residenti li għandhom karta ta' identita valida fuq il-lokalita' ta' San Pawl il-Baħar.

- **42.4.1 BOV - Tnaqqis ta' servizz offrut mill-bank fil-lokalita'**

Is-Sindku ippreżenta ittra ta' risposta mibgħuta mill-bank BOV, għal preokkupazzjoni li wera l-kunsill għat-tnaqqis drastiku fis-servizzi offruti mill-bank lill-klijenti fil-lokalita kif ukoll minħabba l-fatt li l-istess bank naqas li jipprovdi fi żmien aċċettabbli, credit/debit card għal użu tal-kunsill u għat-tariffi enormi mposti mill-bank fuq kull minn għandu ddepożitat ammont akbar minn €500,000, fejn intalab rimedju.

Informa, li l-kunsill għadu qed jistenna lil bank APS biex jinfetaħ kont ġdid.

- **42.4.2 Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv**

Il-kunsill ġie nfurmat li sa laqgħa preżenti numru 44 li qed tinżamm fis-26 ta' April 2022 kien għadu ma rċieviex l-approvazzjoni għal-ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv mid-DLG. Id-Dipartiment ġie nfurmat dwar id-deċiżżjoni tal-kunsill nhar is-16 ta' Marzu 2022 kif ukoll li ntbagħtu diversi reminders.

- **Ħatra ta’Deputat Segretarju Eżekuttiv**

  Il-kunsill ġie nfurmat li fis-7 ta’ April 2022, reġa ntbagħt reminder ieħor lid-DLG dwar il-fatt li ma nstabet l-ebda persuna biex tokupa l-kariga ta’ Deputat Segretarju Eżekuttiv.

- **42.4.5 Ħatra ta’ Chair Person - Bord Aġġudikazzjoni Sejħiet Pubbliċi.**

  Il-Kunsill ġie nfurmat li Adrian Mifsud hija l-persuna li ġiet maħtura Chair Person tal-Bord ta’ l-aġġudikazzjoni sejħiet pubbliċi, hekk skond dak deċiż mill-kunsill fil-laqgħa 42. Ir-rata tal-ħlas se tkun €40 + Vat is-siegħa jew parti minnha.

- **42.4.7 Monument iddedikat lis-sajjieda Pawlin**

  Is-Sindku nforma li sa laqgħa preżenti ħadd mill-kunsilliera ma kien ressaq kontra-suġġeriment għal proposti tiegħu ta’ fejn għandu jitqiegħed il-monument iddedikat lis-Sajjieda Pawlin.

  Il-kunsill approva s-siti segwenti, b’ta’ l-ewwel ikunu l-ewwel għażla.

1. *Fuq is-saqaf tal-klabb tas-Sajjieda fi Triq Dawret il-Gżejjer kemm il-darba tinġib l-approvazzjoni neċesserja.*
2. *Fuq il-bankina quddiem il-klabb tas-Sajjieda fi Triq Dawret il-Gżejjer.*
3. *Fid-daħla ta’Ġnien il-Millenju, fi Triq Dawret il-Gżejjer.*

- **42.4.8 Laqgħa 12 ta’ Jannar 2022 re-Avviz Legali 146 tal-2021**

  Is-Sindku staqsa lill-Kunsillier Chris Vella Petroni, jekk kienx se jippreżenta r-rapport dwar proposti ta’ siti għat-tqegħid ta’ bin-on-wheels għal lis-skart riċikabbli kif ġie deċiż li jsir diversi laqgħat ilu? Il-Kunsillier Chris Vella Petroni informa li ma lesta l-ebda rapport.

- **Rapport evalwazzjoni Tender Walkway Balcony**

  30 ta’ April 2022, MTA bagħtet kopja ta’ ftehim finanzjarju biex jiġi ffirmat bejn MTA u l-kunsill ta’ San Pawl il-Baħar li fost l-oħrajn MTA qed tintrabat li tagħmel tajjeb għall- manutenzjoni tal-Walkway Balcony, ta’ Triq San Franġisk sa massimu ta’ €451,904.60 inkluż il-VAT.

  Is-Sindku Alfred Grima ressaq mozzjoni bil-Kunsillier Daryl Connor jissekonda, biex isir lif-firmar tal-kuntratt.
  Il-kunsill approva.

  Il-kunsill ġie nfurmat ukoll li fis-26 ta’ April 2022 ġie ntavolat appell minn LBV Ltd dwar l-istess tender SPB T/03/2021 għall-manutenzjoni tal-Walkway Balcony, ta’ Triq San Franġisk. Ġie deċiż li jittieħed parir ta’ l-avukat tal-kunsill.

- **42.7 Ġemellaġġ ma Oroslavje'**

  Id-delegazzjoni minn Oroslavje'qed tippjana li tiġi bejn 2 u s-7 ta' Lulju 2022. Dati, li għad iridu jiġu kkonfermati. Għal din l-okkażżjoni se jiġi jnawgurat il-proġett ta'Ġnien Millenju.

  Is-Sindku Alfred Grima ressaq mozzjoni biex il-kunsill jalloka s-somma ta' mhux aktar minn €5,000 + vat biex jitħallsu l-ispejjez konnessi ma din il-mawra.

  Il-Viċi Sindku Carlos Zarb is-sekonda l-mozzjoni.

  Il-kunsill approva nem.con.

- **42.12 Regjun Tramuntana - Assistance Measures to Region Members for 2022**

  Is-Sindku Alfred Grima informa li l-patrijiet tal-Qawra aċċettaw li jikkonnetjaw id-dawl tac-CCTV li se tiġi nstallata qrib il-knisja tal-Qawra mad-dawl tal-garaxx tagħhom. F'isem il-kunsill irringrazzjahom għall-koperazzjoni.

## 44.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

- **Xogħol ta' tranġar ta' toroq – Erba' Imwieżeb u Lampuki**

  Is-Sindku nforma li Infrastruttura Malta kienu se jibdew b'mod immedjat, ix-xogħolijiet fuq it-toroq ta' madwar l-appartamenti tal-gvern fl-inħawi ta' l-Erba' Imwieżeb. Semma, li filwaqt li huwa punt pożittiv li r-rikjesta li kien ressaq lill-IM biex isiru dawn it-toroq intlaqet, kien jippreferi li sar kordinament aħjar mal-kunsill biex ma jkunx hemm effetti negattivi fuq il-proġett ippjanat. Qal ukoll li l-Perit ta' Infrastruttura Malta nfurmaħ li x-xogħolijiet ma jinkludux li jinqalaw il-fdalijiet taz-zkuk tas-siġar biex jagħmlu wisgħa għal parkeġġi ġodda għax dan jirrikjedi li ssir applikazzjoni ma l-ERA mill-kunsill.

- **Cir AKL 2022/039 ECAD Membership**

  Is-Sindku Alfred Grima ressaq mozzjoni biex jiġġedded il-ħlas tas-sħubija. Il-Kunsillier Alfred Bray issekonda l-proposta.

  Il-kunsill approva l-ħlas ta'sħubija għall-prezz issussidjat ta'€225.

- **Life Long Learning**

  Is-Sindku Alfred Grima ressaq mozzjoni biex il-kunsill jagħmel tajjeb għal ispejjeż relatati mal-korsijiet tal-Life Long Learning. Ġie pproponut li jitressaq suġġeriment sabiex jiġi pproponut Kors dwar ix- xtili u l-Pjanti. Is-Sindku ikkjarifika li jkun hemm ħlas addizjonali dwar persuna li tkun preżenti waqt dawn il-korsijiet.

  Il-kunsill approva nem.con.

- **Proposta nstallazzjoni ta' CCTV ma l-iskola tal-Qawra**

  Il-Viċi Sindku Carlos Zarb ippropona li l-kunsill iwaħħal CCTV fil-viċinanzi ta' l-iskola tal-Qawra biex tagħti għal fuq l-għelieqi dan wara li numru ta karozzi ġew ivvandalizat.

  Is-Sindku Alfred Grima issekonda l-proposta.
  Il-kunsill approva li tinkieteb ittra lit-tmexxija ta' lis-skola tal-Qawra u jekk dawn jaqblu l-kunsill joħroġ l-ispejjeż neċessarji.

- **Traffic Management** .

  19 ta' April 2022 inżammet laqgħa bejn is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Tramuntana, Ġorġ Abdilla, Bjorn Bonello, Manager risponsabbli mill-ambjenti u s-Sindku Alfred Grima.
  Kien hemm qbil, li s-Sur Bjorn Bonello jipprepara u jippreżenta Traffic Management Report għall-konsiderazzjoni tal-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar. Is-Sindku rringrazzja lir-Reġjun Tramuntana għal assistenza tiegħu f'dan ir-rapport.

**44.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Il-Kunsill ma rrċievix mistoqsijiet.

**44.6 Rapporti / jew Approvazzjonijiet ta' Rapport**

**44.6.1 Rapport ingaġġ ta' skrivani skala15 notch 3**

Minn żewġt persuni li applikaw għal kariga, wieħed ma kienx eleġibli u l-ieħor CF ġie mistieden għall-interview. Fl-istess ġurnata din il-persuna ma kienetx disposta minħabba li daħħal l-isptar u għalhekk saru l-*interview online* f'21.04.2022.

Ir-Rapport tal-evalwaturi magħmul minn Chairperson Sindku Alfred Grima, Viċi Sindku Carlos Zarb u Kunsillier Antony Delia, ippronew li CF ġab marki meħtieġa. Is-Sindku ippropona li kemm il-darba il-persuna ma taċċetax jew ma tibqax itjun tista terga toħroġ is-sejħa.

Il-Kunsillier Alfred Bray ressaq mozzjoni għall-approvazzjoni tar-rapport kif tressaq.
Il-Kunsillier Mary Borg issekondat l-mozzjoni.
Il-kunsill approva nem.con.

#### 44.6.1.2 Council Assistant

Il-kunsill irċieva applikazzjoni waħda għal ingaġġ ta' Council Assistant skala 16. Il-persuna ġiet mistiedna tattendi għal interview u din ġabet il-marki meħtieġa.

Il-Bord ta' l-Għażla ppropona, li l-kunsill japprova l-ħatra ta' A.D fil-kariga ta' Council Assistant skala 16 u jekk għal xi raġuni l-persuna nkwistjoni ma taċċettax u/jew tirriżenja mill-kariga tinħareġ sejħa pubblika mill-ġdid.

Il-Kunsillier Mario Salerno ressaq mozzjoni għall-approvazzjoni tar-rapport kif tressaq. Il-Kunsillier Antoinette Bezzina issekondat l-mozzjoni.
Il-kunsill approva nem.con.

#### 44.6.1.3 Operative Hand

Il-kunsill ġie nfurmat li Job Plus bagħtet lista ta' persuni li jirreġistraw Part 3. Minhom applikaw 16, fejn 5 persuni attendew għal interview. 4 persuni minhom għaddew mill-interview fejn il-persuna b'inizjali E.S ġabel l-għola marki.

Il-Bord ta' l-Għażla ppropona, li l-kunsill japprova l-ħatra ta' A.S fil-kariga ta' Operative Hand skala 18. Jekk għal xi raġuni din il-persuna jew dawk eleġibli skond il-marki li ġabu ma jaċċettawx u/jew jirriżenjaw mill-kariga, għanda tinħareġ sejħa pubblika mill-ġdid.

Il-Kunsillier Alfred Bray ressaq mozzjoni għall-approvazzjoni tar-rapport kif tressaq. Il-Kunsillier Daryl Connor issekondat l-mozzjoni.
Il-kunsill approva nem.con.

#### 44.6.2.1 Tender Non-Urban Grass Cutting

Il-kunsill evalwa mil-ġdid it-tender tan-Non-Urban Grass Cutting, hekk kif ġie deċiż mill-qorti. Il-bord maħtur huwa kompost miċ- Chairperson Adrian Mifsud, Daniel Galea, Perit Mariello Spiteri u l-Perit Jesmond Mugliette. Oriġinarjament kien hemm 4 bidders.

Meta l-bord ġie biex jagħmel l-evalwazjoni fuq is-sistema tal-EPPS skond dak deċiż mill-Qorti is-sistema ma ppermettitx li l-aċċess, minħabba li il-membri l-ġodda ġew jidhru li kienu diġa għamlu l-evalwazjoni. L-Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv bagħtet email f'Marzu lid-dipartiment tal-kuntratti u għalkemm kien hemm tlett laqgħat, il-Kunsill ma rċieva l-ebda risposta bil-miktub iżda waħda verbali.

Dawn taw il-parir biex il-proċess jingħalaq bil-konsegwenza li l-award jispiċċa jingħata lil min mhux suppost. Is-Segretarju ma qablitx ma' din id-deċizjoni u għalhekk talbet lill-kunsill l-approvazzjoni tiegħu li din issir manwali wara li tinġib l-approvazzjoni mid-dipartiment. Dan sabiex jiġi żgurat li dak deċiż mill-Qorti jiġi rispett.

Il-kunsill approva nem.con.

### 44.6.2.2 Tender Burmarrad Playing Field

It-Tender ġie maqsum f'żewg lottijiet, xogħol infrastrutturali f'lot wieħed u apparat f'lot ieħor. 6 kumpaniji tefaw l-offerti tagħhom. Il-Bord ta' l-Aġudikazzjoni irrakomanda, li t-tender jingħata lil dawk iż-żewġ kumpaniji li tefaw l-irħas offerta f'lot 1 u lot 2 kif hawn indikatt fuq il-bażi li kienu *the cheapest compliant*:

**3. Conclusion**

The Evaluation Committee noted that the compliant cheapest financial bids to the respective lot, were higher in total higher than the estimated cost of the project, being €129,351.93:

Lot 1 - €111,912.89
Lot 2 - € 29,210.00

The total amount of the award will therefore be €141,122.89.

The Evaluation Committee asked the Acting Executive Secretary of the Council to provide further guidance on the matter before making its recommendation. The Acting Executive Secretary instructed the Architect in Charge of the project to provide a technical report as requested by the Evaluation Committee. The Architect in Charge confirmed that the difference is justifiable.

Pursuant to the above, the Evaluation Committee based on the report and if the Council has sufficient funds, recommends that this tender is awarded as follows:

**Lot 1 - Civil and Finishing Works to Urban Play Solutions** for the amount of €111,912.89 exclusive of VAT, being the cheapest compliant offer and agrees with the conclusion of the technical report.

**Lot 2 - Playground Equipment and Rubber Safety Flooring to BIG Projects** for the amount of €29,210.00 exclusive of VAT, being the cheapest compliant offer and agrees with the conclusion of the technical report.

It is confirmed that this report is a true reflection of the XL report generated by the ePPS. In case where there was the need to amend the system-generated report, it is confirmed that the revised XL report was uploaded in the ePPS.

Il-Periti mill-uffiċċju DTRMS inkarigati mill-proġett, assistew lill-Bord ta' l-Aġudikazzjoni.

Is-Sindku ressaq mozzjoni u l-Kunsillier Alfred Bray issekonda, biex ir-rapport jiġi approvat kif imressaq mill-Bord ta' l-Aġġudikazzjoni.

Il-kunsill approva r-rapport kif tressaq mill-Bord ta' l-Aġġudikazzjoni

## 44.7 Proposta biex Triq Alofju Wignacourt issir kollha one-way

Fuq suġġeriment tal-Community Police is-Sindku Alfred Grima ippropona li biex jitnaqqas il-perikolu, il-konġessjoni u sabiex jiżdiedu aktar parkeġġi Triq Alofju Wignacourt, il-parti bejn Triq is-Sajjied u Triq it- Turisti, issir one-way titla lejn il-Knisja tal-Qawra. L-mozzjoni ġiet issekondata mill- Kunsillier Mario Salerno.
Ittieħed vot.

Favur 11

Kontra 1

Il-mozzjoni ġiet approvata.

## 44.8 Grupp Volontarju

Il-Viċi Sindku Carlos Zarb informa li l-grupp volontarju maħluq mill-kunsill se jkun magħruf "*Green Waves*". Ressaq mozzjoni li jiġi allokat baġit ta' €500 + Vat fis-sena, biex jintużaw għal promozzjoni tal-Grupp Green Waves, u għal orġanizzazzjoni li tgħin titqajjem kuxjenza ambjentali fil-lokalita'.

Is-Sindku Alfred Grima issekonda l-proposta.
Il-kunsill approva nem.con.

## 44.9 Soċjeta Mużikali San Pawl - Instrumenti tal-Muzika

Is-Soċjeta Mużikali San Pawl ressqet rikjesta biex il-kunsill jixtri nstrumenti biex jintużaw mill-Bandisti ġodda fit-taħriġ tagħhom.

Is-Sindku Alfred Grima ippropona li l-kunsill jixtri 2 x Bb Clarinet JP 17 keys (€478 + Vat) biex isir użu minhom mill-bandisti ġodda.

Il-mozzjoni ġiet issekondata mill-Viċi Sindku Carlos Zarb
Il-kunsill approva

## 44.10 Tender for Pavement and ancillary works (Status: Awarded) SPB T/02/2021

Ġie spjegat li l-kumpanija LBV Ltd li rebħet is-sejħa pubblika SPB T/02/2021 naqset milli tippreżenta l-garanzija bankarja minkejja li l-istess kumpanija aċċettat il-kuntratt. Fis-6 ta' April 2022, ressqet ukoll rikjesta biex flimkien mal-kunsill jiddiskutu il-possibilita li jiġu aġġustati r-rati biex jirriflettu ż-żidied sostanzjali attwali fil-materja prima. Fakkru li s-sottomissjoni ta' l-offerta saret f'Awwissu 2021 u rċievew il-kuntratt għall-firma fis-16 ta' Frar 2022.

Il-kunsill informa lill-LBV Ltd, li mhux fil-pożizzjoni li jaċċetta bdil ta' rati peress li dan ikun bi ksur ta'regolamenti ta' l-Akkwist Pubbliku priċipalment ta'Artikolu 46 tal-kundizzjonijiet Speċjali.

16 ta' April 2022 - LBV Ltd infurmaw li ma jistawx jipproċedu bl-iffirmar tal-kuntratt jekk il-kunsill iżomm il-pożizzjoni tiegħu li ma jaġġustax ir-rati.

Is-Sindku Alfred Grima ressaq mozzjoni li tgħid; "illi, minħabba l-fatt li l-prezzijiet qed jogħolew kontinwament u li x-xogħolijiet huma ta'natura urġenti, ma jagħmilx sens li tinħareġ sejħa pubblika mill-ġdid. Imma, li għanda tintalab l-approvazzjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti, biex filwaqt li r-rati jibqaw l-istess, il-kunsill jagħmel tajjeb għad-differenza fil-valur tal-materja prima biss". L-ebda ħlas addizzjonali għal pagi jew servizzi ma għandhom jiġi aċċettati.

Il-Kunsillier Mario Salerno ssekonda l-mozzjoni.
Il-kunsill approvat nem.con.

**44.11 Dawl fl-art quddiem il-Knisja Parrokjali ta' San Pawl il-Baħar**

Il-valur ta’ l-istima ta’ l-Inġinier għal bdil ta’ l-4 bozoz inkluż l-aċċessorji hi ta’€3,350.

Il-kunsill ma approvax l-istima.

**44.12 Applikazzjonijiet ma l-Awtorita ta’ l-Ippjanar**

PA02046/22- Triq iż-Żernieq –

**PA/07760/21 GTD**

*Proposed sunbed deck. Proposed sunbed deck Site at Seaside in front of Seaview Hotel, Triq it-Trunciera, Qawra, San Pawl il-Bahar*

Minħabba li ma nġibux il-kummenti tal-perit kif ukoll il-pjanti nkwistjoni ġie deċiż li l-Kunsill idaħħal rappreżentazzjoni ma l-Awtorita ta’ l-Ippjanar taż-żewġ applikazzjonijiet u li dawn jiġu diskussi fil-laqgħa segwenti.

Il-kunsill approva nem.con.

**44.13 Affarijiet Oħra**

Il-Kunsill approva li 6 laptops indikati fl-inventarju tal-kunsill u li huma beyond repair jintremew skond kif jiddetta l-proċess.

**44.14 Approvazzjoni ta' kontijiet u xiri ta' oġġetti/servizzi**

***44.14.1 RfQ - Xiri ta’ Dogs Litter Bins***

Il-kunsill approva x-xiri ta’ Dogs litter bins sa massimu ta’ €5,000 + Vat

***44.14.2 RfQ - Xiri ta’ Bankijiet***

Il-kunsill approva x-xiri ta’ bankijiet sa massimu ta’ €5,000 + Vat

***44.14.3 RfQ - Xiri ta’ Submersible pump***

Il-kunsill ġie nfurmat li minħabba li l-pumproom għerqet bl-ilma kellha tinxtara submersible pump għall-prezz ta’ €650 + Vat għall-Ġnien il-Millenju. Il-prezz jinkludi materjal meħtieġ u xogħolijiet.

Il-kunsill approva nem.con.

.

***44.14.4 RfQ - Xiri ta’ Tromba Panoramika (Panoramic Binoculars)***

Il-kunsill approva x-xiri ta’ Tromba Panoramika sa massimu ta’ €5,000 + Vat

***44.14.5 RfQ - Aċċessorji għal latrini publiċi***

Il-kunsill approva x-xiri ta’l-aċċessorji għal latrini publiċi li ġew ivvandalizzati u li bilfors jeħtieġ li jinxtraw mingħand l-istess ditta li fornit il-materja prima fil-proġetti tal-latrini pubbliċi msemmiegħa.

***44.14.6 - Żieda ta' dawl fl-akkwati tat-Trunċiera, Qawra***

Il-kunsill approva l-installazzjoni ta' 4 lampi fl-inħawi tat-Trunċiera, Qawra għal valur ċirka ta' €15,827 + Vat. Dan id-dawl huwa ntiż li mhux biss idawwal l-akkwati imma li jservi ukoll li jesponi aħjar il-fdalijiet tat-trunċiera. Intqal ukoll li li l-kunsill ressaq rikjesta mad-dipartiment biex dan il-proġett jitħallas mill-fondi ta' aġġustament.

***44.14.7 - Fitness Classes***

Is-Sindku Alfred Grima ppropona li l-kunsill joffri servizz ta' fitness classes għar-residenti b'numru ta' ID Card fuq San Pawl il-Baħar.
Il-Kunsillier Alfred Bray issekonda l-mozzjoni.
Il-kunsill approva nem.con.

**44.15 Approvazzjoni ta' l-Iskeda tal-pagamenti**

L-iskeda tal-pagamenti ġiet ipproponuta u ssekondata mill-Kunsillier Mary Borg u l-Kunsillier Anthony Angelo Attard rispettivament.
Il-kunsill approvata l-iskeda kif tressqet.

**44.16 Aġġornament għall-laqgħa li jmiss**

Il-laqgħa ġiet fi tmiema fit-20:20 u aġġornata għal-24 ta' Mejju, 2022 fil-5.30pm

FFIRMATA
Sindku Alfred Grima

FFIRMATA
Elke Sghendo
Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv